MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Numru. 1262/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech**
**Spettur Tony Cachia]**

**vs**

**Momita Maricel**

**Kumpilazzjoni Numru: 1262/2012**

**Illum, 28 ta’ Novembru, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra Momita Maricel, bin Maricel u Georgia xebba Momita, imwieled Botosani, Rumanija,

fit-28 ta' Awissu, 1987 minghajr residenza f'Malta u gewwa r-Rumanija jirrisjedi gewwa 10, Mun Botosani Street, Razboiemi u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru XT 407445(M).

Akkuzat talli:

1.Nhar is-16 ta' Novembru, 2012 ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofs in-nhar flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' gojjellerija li tikkonsisti f'ammont ta' cpiepet tad-deheb minn gol-hanut bl-isem ta' Solid Gold Jewellers, Triq ix-Xatt, Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2, 329. 37) ghad-detriment ta' Solid Gold Jewellers u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Nhar l-20 ta' Novembru, 2012 ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' gollejjerija li tikkonsisti fi brazzulleta tad-deheb minn gol-hanut bl-isem ta' Classic Jewellers sitwat gewwa l-Ajruport Internazzjoniali ta' Malta, fil-Gudja liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2, 329. 37) ghad-detriment ta' Classic Jewellers u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

3. Nhar l-24 ta' Novembru, 2012 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' gollejjerija li tikkonsisti f'curkett tad-deheb minn gol-hanut bl-isem ta' 'Vascas' sitwat gewwa Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccediex l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2, 329.37) ghad-detriment ta' Vascas Enterprises Ltd. u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita u/jew entitajiet ohra;

Rat l-artikoli 18, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet

migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-provi.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat; min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fatt li l-fedina penali ta'l-imputat li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------